MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1705/2001/1

**Emanuel Galea**

**vs**

**Pierre  Nani**

It-Tribunal

Ra l-avviz li jghid li s-somma ta' LM500 (hames mitt lira maltin) li hi dovuta lill-attur mill-konvenut bhala prezz ta' vetrina illi l-attur hadem fuq inkarigu tal-konvenut , liema prezz kien fattur bejn il-partijiet.

Ra r-risposta li tghid li l-konvenut u l-attur dahlu fi ftehim sabiex l-attur jahdem l-ghamara ghall-hanut gdid li kellu jiftah il-konvenut u l-vetrina kienet parti mill-ghamara li ordna l-konvenut minghand l-attur, liema ghamara kellha titlesta kollha sad-data tal-ftuh tal-hanut u cioe l-21 ta' Settembru 2001;

L-attur ma onorax l-obbligi tieghu u ma lestiex ix-xoghol sad-data miftehma u ghalhekk il-konvenut kellu jiddisponi d-data tal-ftuh tal-hanut minhabba d-dewmien tal-attur;

Illi fit-18 t' Ottubru 2001, il-konvenut ittermina l-kuntratt peress illi x-xoghol ma sarx u ma giex ikkonsenjat skond il-ftehim u l-vetrina in kwistjoni ma kienitx lesta;

Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont mitlub mhux dovut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Sema ix-xhieda u t-trattazzjoni

Ikkonsidra

Illi l-kawza si tratta ghal pagament ta' hames mitt Lira (Lm500) ghal vetrina ordnata. Irrizulta mix-xhieda li l-vetrina ma gietx konsenjata fit-terminu pattwit, u kien l-istess attur li ma onorax il-ftehim milhuq.

Il-konvenut ried jiftah il-hanut f' data partikolari, u l-attur ma installax il-vetrina fil-hin propizju.

Huwa difficli f' kazijiet simili meta jeziztu unikament zewg versjonijiet opposti djammatrikament.

Il-principju huwa wiehed –minn jallega jrid jipprova, imqar fuq bilanc ta' probabiltajiet. F' dan il-kuntest il-gudikant ikun moralment konvint biex jasal ghal konkluzjoni tieghu.

L-attur naqas li jesegwixxi dan l-obbligu. Lanqas ma jista' jasal fuq binarju ta' ekwita. Inoltre jigi rilevat li qabel ma pproceda l-attur naqas li jiddepozita biex jezamina ruhu minn kwalunkwe responsabbilta u jissama l-gjurisdizzjoni tat-Tribunal.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa l-eccezzjoni konvenuta, jichad it-talba attrici.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

AVV. JOSEPH P. BONNICI LL.D.
Gudikatur